Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SITT KUNSILL

4 ta' Awwissu 2012

**It-Tlieta u Sebgħin seduta tas-Sitt Kunsill Lokali Mellieħa ser issir nhar l-Ġimgħa, 10 ta' Awwissu 2012 fis-6.00 pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajjma fil-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2012
6. Sejħa għall-Offerti Nru. 9/2012 – Servizz ta' *Accountant*
7. Sejħa għall-Offerti Nru. 10/2012 – Titjib fl-aċċess għax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija fi Triq il-Kappillan Magri
8. Sejħa għall-Offerti Nru. 11/2012 – Provista ta' *Dense Coated Mixes* (Asfalt)
9. Sejħa għall-Offerti Nru. 12/2012 – Provista ta' Konkos għal Użu Ġenerali
10. Sejħa għall-Offerti Nru. 13/2012 – *Road Resurfacing* u Xogħlijiet Anċillari Sejħa għall-Offerti Nru. 1/2012 – Tindif u żamma tal-Latrini Pubbliċi
11. Sejħa għall-Offerti Nru. 14/2012 – Servizz ta' *Contract Management* relatat ma' *Road Resurfacing* u Xogħlijiet Anċillari
12. Sejħa għall-Offerti Nru. 1/2012 – Tindif u żamma tal-Latrini Pubbliċi
13. Tismija ta' toroq

    Materji Oħra

C. Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

# MOZZJONIJIET

## 6. Mozzjoni mressqa mis-Sindku li tgħid:

"Billi fis-seduta Nru. 64 tal-4 ta' Jannar 2012, il-Kunsill iddeċieda li għandu jintalab servizz ta' *Accountant* u għalhekk saret sejħa għall-offerti (9/2012) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993;

Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2012 ġiet ivvutata somma bil-għan li jingħata s-servizz imsemmi taħt il-vot 3160;

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandha tiġi addottata r-rakkomandazzjoni li saret mit-*Tender Adjudication Board* u għalhekk tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u susseġwentement jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv mas-Sur Daniel Galea, għall-perjodu ta' tlett snin b'effett mill-1 ta` Awwissu 2012, skont ir-rata kkwotata minnu fid-dokument tal-offerta.". (C/3/3)

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar (Sindku) | Clayton Bartolo (Kunsillier) |
| **Proponent** | **Sekondant** |

## 7. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku li tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti (10/2012) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li d-dħul għax-Xelters tat-Tieni Ġwerra Dinjija minn Triq il-Kappillan Magri jiġi faċilitat għall-persuni bi bżonnijiet speċjali ;**

**Billi l-offerti li ġew sottomessi sad-data tal-għeluq ġew evalwati mill-*Tender Adjudication Board* wara rapport tekniku mill-perit inkarigat mill-proġett, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tad-9 ta' Lulju 2012;**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 2370), filwaqt li l-Kunsill ġie allokat €8,100 taħt l- Skema dwar Aċċessibilita` Aħjar fil-Lokalitajiet (Memo 7/2010), skont ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali datata 9 ta' Diċembru 2011;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-kumpanija Central Asphalt Ltd bil-għan li jitwettaq ix-xogħol involut, skont ir-rati ndikati fis-sottomissjonijiet li saru mill-istess offerent. ". (A/6/7/2/Vol II)**

| | |
|---|---|
| Emvin Bartolo (Viċi Sindku) | John Buttigieg (Kunsillier) |
| **Proponent** | **Sekondant** |

## 8. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier H. Fenech illi tgħid:

"Billi saret sejħa għall-offerti skond l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, bil-għan li jkun hemm provista ta` *Dense Coated Mixes* meħtieġa għall-manutenzjoni tat-toroq;

Billi l-unika offerta li saret sad-data ta` l-għeluq ġiet evalwata mit-*Tender Adjudication Board* skont ir-rapport datat 9 ta' Lulju 2012.

Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri x-xiri ta` l-istess materjal taħt il-vot tat-Toroq u Bankini (2311);

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt għall-perjodu ta` tliet snin b'effett mill-1 ta' Awwissu 2012 mal-kumpanija Central Asphalt Ltd li offrew illi jfornu il-materjal skont ir-rati mogħtija fid-dokument ta` l-offerta relattiv.". (D/3/1/Vol V)

Hilary Fenech (Kunsillier) Joseph Azzopardi (Kunsillier)
**Proponent** **Sekondant**

## 10. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier P. Cutajar illi tgħid:

"Billi saret sejħa għall-offerti skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, bil-għan li jkun hemm provista ta` konkos ta` diversi gradi in konnessjoni mal-manutenzjoni tat-toroq u xogħlijiet oħra;

Billi ż-żewġ offerti li daħlu sad-data ta` l-għeluq ġew evalwati mit-*Tender Adjudication Board* skond ir-rapport datat 9 ta' Lulju 2012.

Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri x-xiri ta` l-istess materjal taħt il-vot tat-Toroq u Bankini (2311);

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt għall-perjodu ta` tliet snin b'effett mill-1 ta' Awwissu 2012 mal-kumpanija Attard Brothers Ltd li offrew li jfornu u jitrasportaw il-materjal skont ir-rati mogħtija fid-dokument ta` l-offerta relattiv.". (D/3/1/Vol V)

Patrick Cutajar (Kunsillier) Clayton Bartolo (Kunsillier)
**Proponent** **Sekondant**